MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 19/2007/2

**Bank of Valletta plc**

**v.**

**Anna Calleja, George Calleja u b'digriet tal-14 ta' Settembru 2007 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Anna mart Michaelangelo Calleja, Noel u Michelle ahwa Calleja stante l-mewt ta' George Calleja fil-mori tal-kawza, Natalino sive Noel Calleja u Michel Calleja**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tal-konvenuti Anna Calleja, Natalino sive Noel Calleja u Michelle Calleja minn digriet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali, fit-28 ta' April 2009 li bih il-Qorti cahdet it-talba tal-konvenut Natalinio sive Noel Calleja biex tigi msejjha fil-kawza l-kumpanija Middle Sea Valletta Life Assurance Co.Ltd.

**Digriet tal-ewwel Qorti.**

L-ewwel Qorti mmotivat id-decizjoni taghha hekk:

"Il-bazi tal-azzjoni tal-bank hu s-self li nghata lill-mejjet Mario Calleja, li l-werrieta tieghu huma l-konvenuti. Il-polza fuq il-hajja ta' Mario Calleja kienet inharget bhala forma ta' garanzija ohra favur il-bank. Garanzija li hija ntiza sabiex toffri iktar protezzjoni ghall-interessi tal-kreditur. M'hemmx dubju li l-kumpanija assigurattrici qieghda tikkontesta li tonora xi *claim* taht il-polza in kwantu ssostni li fi zmien li nharget il-polza, Mario Calleja kellu mard li ma giex dikjarat fil-polza. Fil-fehma tal-Qorti l-fatt li nghatat tali garanzija ma jfissirx li d-debitur principali u/jew il-werrieta tieghu jigu ezonerati mill-obbligi kuntrattwali fil-konfront tal-kreditur, u li dan tal-ahhar irid bilfors jindirizza l-pretensjoni tieghu fil-konfront tal-kumpanija assigurattrici sabiex jithallas lura l-flus li sellef lil Mario Calleja u l-imghax fuq l-istess. Ovvjament jibqa' rizervat favur il-bank kwalsiasi jedd ta' azzjoni li jista' ghandu kontra l-kumpanija assigurattrici. M'hemm dubju li l-gudizzju hu diga` integru u l-Qorti ma tarax li hemm lok li f'dan l-istadju tissejjah fil-kawza l-kumpanija li harget il-polza ta' assigurazzjoni".

**Aggravju tal-appellanti.**

Il-konvenuti appellaw minn dan id-degriet. Huma ma jaqblux ma' l-ewwel Qorti li l-bank mhux obbligat jindirizza l-pretensjoni tieghu kontra l-kumpanija assigurattrici sabiex jithallas lura l-flus li ssellef Mario Calleja. Huma jsostnu li l-kreditur ma jistax jirrifjuta li jithallas u ma hemm xejn li jzomm debitur milli jhallas permezz tat-tisrif tal-polza ta' assigurazzjoni. Inoltre l-kreditur ghandu jezercita

l-jedd tieghu ta’ ezekuzzjoni b’mod li jaghmel l-inqas hsara lid-debitur.

L-appellanti jikkontendu wkoll li hi prattika bankarja li r-rahan ta’ polza ta’ assigurazzjoni ssir bhala garanzija ghad-dejn maghmul. Ghalhekk huma ghandhom interess li tissejjah fil-kawza l-kumpanija assigurattrici. L-appellanti jkomplu li jekk l-appell fil-kawza l-ohra li huma ghamlu kontra l-assigurazzjoni jigi michud huma ma jkunux jistghu jitrattaw it-tielet u hames eccezzjoni taghhom f’din il-kawza u jigu svestiti mill-jedd li jsarrfu l-polza ta’ assigurazzjoni.

Finalment l-appellanti jghidu li ankorke` l-gudizzju jkun integru, l-integrita` tal-gudizzju mhux prerekwizit ghat-talba tal-kjamat fil-kawza, billi l-Qrati taghna jaccettaw din il-kjamata anke biex jigu mnaqqsa n-numru ta’ gudizzji u evitata l-possibbilita` ta’ gudikati konfliggenti (ara **Dr.Cremona Barbaro v. Prof. Borg Costanzi** - App. 14 ta’ Awwissu 1975).

**Risposta tal-bank appellat.**

Il-bank appellat wiegeb li fl-ewwel lok hemm in-nullita` tal-appell billi mhux car f’liema data gie prezentat l-istess appell. Fit-tieni lok, in-nullita` tal-appell stante li l-okkju tal-kawza huwa citat b’mod skorrett.

Fil-mertu, preliminarjament il-bank appellat isostni li d-digriet moghti mill-ewwel Qorti huwa wiehed gust u jimmerita li jigi kkonfermat. Il-kumpanija assigurattrici, mill-bidu nett, wara li saret *claim,* rrifjutat li thallas il-*claim* u kien ghalhekk li l-bank kellu jipprocedi kontra l-konvenuti bhala eredi ta’ Mario Calleja. Skond il-bank appellat il-presenza tal-kumpanija assigurattrici fil-kawza mhiex se taghmel ebda differenza, ghax jekk il-bank jigi kanonizzat kreditur tal-konvenuti, il-posizzjoni legali tal-kumpanija assigurattrici jekk ghandhiex tonora l-*claim* ma tinbidilx. Inoltre t-talbiet kwantu diretti kontra l-attur ma jistghux jaghmlu stat kontra l-kumpanija assigurattrici ghax il-mertu li jrid jigi investigat mal-kumpanija assigurattrici hu mertu iehor. Ghalhekk id-debitur principali jibqa’ Mario Calleja

(illum il-werrieta tieghu) li dahal ghal obbligi kuntrattwali mal-bank u l-garanzija li ta permezz tal-polza ta' assigurazzjoni bl-ebda mod ma tnaqqas mid-dritt tal-bank li ghandu kontra d-debitur ghal dan id-dejn.

**L-ewwel zewg pregudizzjali tal-bank konvenut.**

B'verbal tad-9 ta' Novembru 2009, il-bank appellat irtira l-ewwel u t-tieni pregudizzjali minnu sollevati. Fir-rigward tat-tieni pregudizzjali dwar l-okkju tal-kawza din il-Qorti ordnat l-korrezzjoni fir-rikors tal-appell biex wara l-isem ta' George Calleja jidhlu l-kliem "*u b'digriet tal-14 ta' Settembru 2007 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Anna mart Michaelangelo Calleja, Noel u Michelle ahwa Calleja stante il-mewt ta' George Calleja fil-mori tal-kawza*".

**Sfond dwar il-fatti**

Il-Bank attur fetah din il-kawza biex jithallas minghand il-konvenuti s-self li kien ghamel mieghu Mario Calleja li tieghu l-konvenuti huma l-werrieta. Il-konvenut Natalino Calleja talab il-kjamat fil-kawza tal-kumpanija Middle Sea Valletta Life Assurance Co.Ltd billi qed jippretendi (u issa l-appellanti kollha qed jippretendu hekk) li l-bank messu thallas mid-ditta assigurattrici meta Mario Calleja gie nieqes. Id-ditta assigurattrici qed tirrifjuta li thallas ghax qed tippretendi li Mario Calleja kien marid meta hareg il-polza ta' assigurazzjoni u ma nfurmahomx. Il-konvenuti kienu fethu kawza ohra separata kontra d-ditta assigurattrici biex din thallas l-ammont dovut, izda l-kawza nqatghet kontra taghhom billi l-Qorti ddecidiet li huma ma kellhomx interess guridiku stante li l-polza kienet fuq isem il-bank u ghalhekk id-ditta assigurattrici kellha relazzjoni guridika mal-bank u mhux ma' l-eredi ta' Calleja. Din il-kawza giet appellata u hemm appell pendenti. Il-konvenuti kienu anke ghamlu talba biex, f'din il-kawza, l-ewwel Qorti tissoprasjedi sakemm jinqata' dak l-appell, izda t-talba taghhom giet michuda.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Il-konvenuti appellanti jikkontendu li anke jekk il-gudizzju hu integru, l-integrita` tal-gudizzju mhux l-uniku prerekwizit ghall-akkoljiment tat-talba ghall-kjamat fil-kawza, billi l-Qrati taghna jaccettaw li din il-kjamata fil-kawza tista' tigi akkordata anke biex jigu mnaqqsa n-numru ta' gudizzji u evitata l-possibilita` ta' gudikati konfliggenti.

Skond l-Artikolu 961 tal-Kap. 12, "tista' wkoll terza persuna b'digriet tal-Qorti f'kull waqt tal-kawza qabel is-sentenza tigi msejha f'kawza miexja bejn partijiet ohra fil-Qorti tal-ewwel grad sew fuq talba ta' wahda mill-partijiet kemm ukoll minghajr din it-talba".

Issa, huwa minnu, kif qalet l-ewwel Qorti, li l-gudizzju f'dan il-kaz huwa integru u ma kienx hemm ghalfejn li tiddahhal fil-kawza l-kumpanija assigurattrici, imma jibqa' l-fatt, kif tajjeb semmew il-konvenuti, li l-kjamata fil-kawza ma tigix akkolta biss biex jigi integrat il-gudizzju imma hemm ragunijiet ohra, illum accettati mill-Qrati taghna, ghaliex tista' tigi milqugha talba simili. L-istitut tal-kjamata in kawza jaqdi diversi funzjonijiet procedurali, fosthom u principalment, dik li jintegra l-gudizzju fejn ikun hemm diversi konvenuti li jkollhom jigu mharrka u xi whud minnhom ikunu thallew barra. Izda jservi wkoll biex jissalvagwarda d-drittijiet ta' min ikun indirettament interessat fl-ewwel azzjoni gudizzjarja u li aktarx iggib warajha azzjoni ohra bhala konsegwenza taghha; tista' iservi anke b'mod aktar generali ghal dik li komunament tissejjah "l-ekonomija tal-gudizzju". Gie inoltre accettat li terza persuna tista' tigi kjamata fil-kawza anke biex semplicement titfa' dawl fuq il-fatti. L-interess, f'dak il-kaz, jista' ikun anke l-komunjoni tal-kontroversja fis-sens li l-kjamat fil-kawza, minghajr ma jigi kundannat jew liberat, jivziluppa r-ragunijiet tieghu favur jew kontra l-attur (ara sentenzi: **Libreri v. Staines** Vol XXIX.ii.706; **Tabiba A.Cremona Barbaro v. Profs. E. Borg Costanzi** deciza fl-14 ta' Awwissu 1975; **Joseph Riolo pro et nomine v. Carmel Muscat** et deciza fil-15 ta' Marzu, 1991; **Mamo v. Abela noe** deciza fl-4 ta' Frar, 2000: App. **Cassar v. Triton Marine** deciza fis-6 ta' Ottubru 2000 u App. **Fiorino d'Oro v. Direttur Toroq** deciza fis-17 ta' Frar 2006 fost ohrajn).

Applikat dak li ghadu kemm inghad ghall-kaz in ezami, din il-Qorti xorta thoss li l-ewwel Qorti kellha ragun, fic-cirkostanzi tal-kaz, li tichad it-talba ghas-sejha fil-kawza tal-kumpanija assigurattrici kemm ghar-ragunijiet li hija tat kif ukoll ghar-ragunijiet li se jigu hawn taht esposti.

It-talba fir-rikors guramentat promotur f'din il-kawza hija biex il-konvenuti jhallsu d-dejn li Mario Calleja kellu mal-bank fuq self. Il-kumpanija assigurattrici kienet harget poloz ta' assigurazzjoni a favur tal-bank attur fuq il-hajja ta' Mario Calleja biex f'kaz li dan jigi nieqes hija thallas l-ammont li jkun assigurat b'dawk il-poloz. Il-poloz li gew *pledged* mal-bank kienu biss wahda mill-garanziji, fost ohrajn, li Mario Calleja ta lill-bank ghal dan is-self.

Gie deciz minn din il-Qorti fil-kawza **Mamo v. Abela** fuq imsemmija li, "L-istitut tal-kjamat fil-kawza m'ghandux jigi applikat, u m'ghandux ikun hemm rikors ghalih, fejn il-gudizzju jkun diga` integru bil-presenza fil-kawza tal-konvenut u fejn ir-responsabbilta` tal-konvenut fil-konfront tal-attur hija indubitata indipendentement minn x'relazzjonijiet jista' jkollu hu ma' haddiehor." Fil-kaz in ezami r-relazzjoni tal-bank dwar dan id-dejn hija mal-konvenuti bhala eredi ta' Mario Calleja, <u>indipendentement mir-relazzjoni li l-bank jista' jkollu mal-kumpanija assigurattrici</u> fl-eventwalita` li dan jiddeciedi li jipprocedi kontra taghha biex isarraf il-garanzija fuq il-poloz li gew pleggjati maghha. Il-fatt li nghatat tali garanzija minn Mario Calleja ma jfissirx li hu, bhala d-debitur principali, u l-konvenuti bhala werrieta tieghu, jistghu jigu ezonerati mill-obbligi kuntrattwali fil-konfront tal-bank jew li jitnaqqas id-dritt tal-istess bank li jagixxi kontra d-debitur ghad-dejn li gie kkuntrattat mieghu. Jirrizulta li l-kumpanija assigurattrici qed tirrifjuta li tonora l-hlas fuq dawn il-poloz ghalhekk il-bank dar fuq il-konvenuti ghall-hlas.

Hu pacifiku li l-kjamat fil-kawza ghandu l-vesti ta' konvenut u *qua* konvenut hu jigi msejjah biex iwiegeb ghat-talbiet tal-attur. Fil-kaz in ezami allura jirrizulta li l-attur ma jistax jottjeni l-kundanna gudizzjarja tal-kjamat fil-kawza ghat-talbiet <u>kif proposti minnu kontra l-konvenuti</u>; ghalhekk il-

Qorti ma tarax li l-azzjoni tista’ tregi kontra l-kjamat fil-kawza kieku kellha tigi accettata t-talba tal-konvenuti.

L-appellanti jissottomettu wkoll li huma agixxew kontra l-kumpanija assigurattrici b’kawza ohra, (Citaz 126/2003), biex din tonora l-poloz ta’ assigurazzjoni mahruga mill-bank. It-talba taghhom giet michuda billi gie deciz li huma ma kellhomx interess guridiku stante li mhux huma kellhom relazzjoni guridika mal-kumpanija assigurattrici imma ma’ l-bank. Il-konvenuti ma qablux ma’ din is-sentenza u appellawha. Ghalhekk il-konvenuti jsostnu li jekk l-appell fil-kawza l-ohra jigi michud huma ma jkunux jistghu jittrattaw it-tielet u l-hames eccezzjoni taghhom f’din il-kawza u jigu zvestiti mill-jedd li jsarrfu l-polza ta’ assigurazzjoni.

Din il-Qorti tirrileva li ghalkemm il-konvenuti jinsabu f’posizzjoni antipatika billi sa issa sabu l-bibien maghluqin ghat-talba taghhom sabiex il-bank jonora l-poloz ta’ assigurazzjoni li nhargu biex jaghmel tajjeb ghad-dejn ta’ Mario Calleja, din il-Qorti xorta wahda hija tal-fehma li z-zewg kawzi ghandhom jimxu fuq binarji separati billi dawn la gew konnessi flimkien u lanqas intlaghqet it-talba ghas-soprasessjoni. Fic-cirkostanzi l-ezitu ta’ din il-kawza m’ghandux jiddependi minn dak li ser jigi deciz fil-kawza l-ohra, u vice-versa.
Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti tikkonkludi li l-presenza tal-kumpanija assigurattrici fil-kawza odjerna mhix necessarja, billi jekk il-bank jigi kanonizzat kreditur tal-konvenuti, il-posizzjoni legali tal-kumpanija assigurattrici jekk ghandhiex tonora l-*claim* mhux se tinbidel ghax il-kumpanija assigurattrici ghad tista’ tintalab li tonora l-*claim* mill-Bank*.* Konsegwentement l-bank attur kellu kull dritt jipprocedi direttament kontra l-konvenuti f’din il-kawza bhala d-debituri principali minghajr ma jharrek lill-kumpanija assigurattrici u jaghzel hu liema forma ta’ garanzija ried isarraf biex jithallas tal-kreditu ezistenti favur tieghu.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeciedi billi tikkonferma d-digriet tat-28 ta’ April 2009 moghti mill-ewwel Qorti, u

ghalhekk tichad l-appell, u tordna li l-atti jigu rimessi lill-ewwel Qorti ghall-prosegwiment tal-kawza skond il-ligi.

L-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------